**Kunsill Lokali Ħamrun**
**Triq id-Duka ta' Edinburgh**
**Ħamrun**
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret it-tliet mija u tlieta u tletin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar il-Ġimgħa 20 ta' Diċembru 2013 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | Vici Sindku |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Judith Bugeja | Kunsillier |
| Is-Sur Gaetano Cuschieri | Kunsillier |
| Is-Sur Cedric Valleta Minst SMM (UK), MCIM (UK), M.B.A. (Maastricht) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Valentina Troisi | Ambaxxatriċi |

Is-Sur Mario Caruana kiteb lill-Kunsill fejn talab li jiġi skużat minħabba safar. Il-Kunsill iddeċieda li r-raġuni kienet ġustifikata u għalhekk is-Sur Mario Caruana ġie skużat mill-laqgħa.

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

## 3. Approvazzjoni tal-minuti

3.1 Il-minuti tat-tliet mija u tnejn u tlietin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

## 4. Punti li joħorġu mill-Minuti

*4.1 Vakanza ta' Segretarju Eżekuttiv*

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li l-applikazzjonijiet għall-post ta' Segretarju Eżekuttiv jintlaqgħu sat-30 ta' Diċembru 2013.

*4.2 Offerta – Live Streaming*

Kopja tal-offerta aċċettata mill-Kunsill intbgħatet lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jivverifikaw li l-offerta hija konformi mar-rekweżiti mitluba.

Fil-5.50p.m is-Sur Cedric Valletta daħal għal laqgħa.

## 5. Korrispondenza

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-korrispondenza li rċieva l-Kunsill bejn id-29 ta' Novembru u l-20 ta' Diċembru 2013.

*5.1 Kumitat għat-Tismija ta' Toroq*

Il-Kunsill ġie infurmat li l-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq approva li l-Misraħ quddiem il-Kunsill jissemma "Misraħ il-Kunsill" u li l-parti ta' Triq Villambrosa bejn Triq Mons De Piro u Misraħ il-Barrieri tissemma Triq il-Franġiskani.

Fis-6.00p.m il-Viċi Sindku daħal għal laqgħa.

*5.2 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Tiġdid tal-ID Cards*

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali talab lill-Kunsilli Lokali biex jidentifikaw postijiet li jistgħu jintużaw għall-eżerċizzju tat-tiġdid tal-karti tal-identita'. Il-Kunsill qed jirrakomanda li jintużaw id-diversi skejjel pubbliċi fil-Ħamrun.

*5.3 Sur Alexander Azzopardi – Bejgħ ta' fjuri*

Il-Kunsill irċieva talba mis-Sur Azzopardi fejn talab sabiex bejn it-12 u 14 ta' Frar 2014 jingħata permess ipoġġi tinda fi Pjazza San Pawl jew Triq il-Kbira San Ġużepp sabiex ibiegħ il-fjuri. Ġie deċiż li s-Sindku jiltaqa' mas-Sur Azzopardi biex jikseb aktar informazzjoni qabel il-Kunsill jikkunsidra li joħroġ permess.

*5.4 Assoċċjazzjoni Kunsilli Lokali – Taħrġ fil-kompjuters*

L-Assoċċjazzjoni Kunsilli Lokali spjegat li l-MCA qed toffri li torganizza taħriġ fil-kompjuters għar-residenti fl-uffiċini tal-Kunsill Lokali wara s-6.00p.m. Il-Kunsill iddeċieda li ma jipparteċipax għaliex diġa qed isir taħriġ f'dan ir-rigward.

*5.5 MCP Company Ltd – Problemi bil-Lifts*

Il-Kunsill ġie infurmat li qed ikun hemm problemi bil-*lifts* relatat mal-provista tad-dawl. Ġie rakomandat li l-Kunsill jixtri u jwaħħal 300mA RCD li jiswa €722.24. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob il-parir tal-*Engineer* tal-Kunsill qabel jinxtara l-apparat.

## 6. <u>Rapporti tas-Sotto Kumitati</u>

*6.1 Sotto Kumitat 1*

- Is-Sindku spjega li saret spezzjoni ta' Sqaq Kamelja u Sqaq Mikiel Anton Vassalli u ntbgħatet rakkomandazzjoni lill-Transport Malta biex issir bollard k/m Triq il-Kbira San Ġużepp. Ġie miftiehem ukoll mal-pulizija li r-residenti u sidien tal-garaxxijiet ikollhom aċċess waqt il-ħinijiet tal-logħob.

- Intalbet laqgħa mal-Ministeru għat-Turiżmu biex jiġu diskussi l-permessi temporanji li jinħarġu waqt il-jiem tal-festa.

- Saru xogħolijiet ta' *patching* urġenti.

- Transport Malta qed tħejji stima biex jinbena mill-ġdid iċ-ċint perikoluż fi Sqaq il-Kubrit.

- Ġie deċiż li jinġabru stimi biex issir *survey* ta' Triq il-Kanonku Bonniċi sabiex tiġi eliminata l-problema tal-ilma tax-xita.

- Is-Sur G Cuschieri talab li tiġi studjata l-possibilta li l-*iskips* fi Triq Schembri jitpoġġew wiċċhom lejn il-bankina biex jiġi evitat periklu għan-nies.

- Il-Viċi Sindku talab li jittieħdu passi biex issir manutenzjoni u tindif fi Ġnien Oreste Kirkop.

- Il-Kunsill approva li l-ikla tal-Milied ta' din is-sena ssir fil-516 Bistro, Valletta Waterfront.

*6.2 Sotto Kumitat 6*

- Is-Sur C Valletta spjega li deher Gwardjan idur fi Triq il-Kbira San Ġużepp fit-3.00p.m waqt il-ġranet tal-festi. Ser jittieħdu passi biex il-Gwardjani jduru fil-periferijiji tal-lokal.

- Is-Sur C Valletta spjega li minn *survey* li sar irriżulta li l-Ħamrun tela' t-tielet bħala l-post preferit għax-xiri.

- Is-Sur C Valletta talab sabiex l-Onor. Claudio Grech jingħata l-informazzjoni dwar negozji fil-Ħamrun. L-informazzjoni qed tinġabar mid-Diviżjoni tal-Kummerċ.

- Is-Sur C Valletta ssuġġerrixxa li f'Jannar 2014 issir il-laqgħa għas-sidien tal-ħwienet.

*6.3 Sotto Kumitat 3*

- Is-Sinjura C Borg infurmat lill-Kunsill li l-Gvern ser joħroġ *card* għall-anzjani biex jidħlu mingħajr ħlas fi postijiet storiċi.

- Is-Sinjura C Borg infurmat lill-Kunsill li s-Sotto Kumitat ser jara jistax jieġu l-anzjani jaraw *Bethlehem* f'Għajnsielem.

## 7. **Għażla ta' offerta – *Services of a Qualified Accountant***

Il-Kunsill ġie nfurmat li meta nfetħet il-kaxxi tal-offerti fil-ħin tal-egħluq, instabu tlett offerti. (Ara skeda mehmuża ma' dawn il-minuti.)

Il-Kunsill iddeċieda unanimament li jagħżel l-orħos offerta valida li kienet tal-kumpanija GMM &Associates (Malta) Ltd.

## 8. ***Performance Bonus***

*8.1 Maronia Bonello*

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-*Performance Bonus Appraisal* ta' Maronia Bonello flimkien mal-kummenti tas-Sindku.

Il-Kunsill qabel unanimament li tingħata l-massimu tal-*Performance Bonus*, jiġifieri 6%.

*8.2 Tiziana Bajada*

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-*Performance Bonus Appraisal* ta' Tiziana Bajada flimkien mal-kummenti tas-Sindku.

Il-Kunsill qabel unanimament li tingħata l-massimu tal-*Performance Bonus*, jiġifieri 6%.

*8.3 Fiorella Scicluna*

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-*Performance Bonus Appraisal* ta' Fiorella Scicluna flimkien mal-kummenti tas-Sindku.

Il-Kunsill qabel unanimament li tingħata l-massimu tal-*Performance Bonus*, jiġifieri 6%.

*8.4 Abigail Calleja*

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-*Performance Bonus Appraisal* ta' Abigail Calleja flimkien mal-kummenti tas-Sindku.

Il-Kunsill qabel unanimament li jingħata l-massimu tal-*Performance Bonus*, jiġifieri 6%.

*8.5 Philip Massa*

Is-Sindku qara l-*Performance Bonus* Appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv.

Il-Kunsill qabel unanimament li jingħata l-massimu tal-*Performance Bonus*, jiġifieri 10%.

**9. <u>Schedule of Payments</u>**

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-kontijiet li rċieva l-Kunsill sal-20 ta' Diċembru 2013 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas tal-istess kontijiet

**10. <u>Aġġornament</u>**

Il-laqgħa spiċċat fis-7.20pm.

____________________
Vincent Bonello
Sindku
Kunsill Lokali Ħamrun

____________________
Philip Massa
A/Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Ħamrun

____________________
DATA